# Madre Margerita: idejal ta’ Ħajja Konsagrata(2015)

## Daħla

*”Il-ferħ tal-Vanġelu jimla l-qalb u l-ħajja ta’ dawk kollha li jiltaqgħu ma’ Ġesù. Ma’ Ġesù Kristu l-ferħ jitwieled mill-ġdid bla waqfien”.* Hekk beda l-Eżortazzjoni Apostolika tiegħu *Evangelii Gaudium* tal-24 ta’ Novembru 2013, il-Papa Franġisku. U kompla, f’parti oħra ta’ din l-Eżortazzjoni Apostolika: *“fejn hemm persuni konsagrati, dejjem hemm ferħ”.* Hekk ġara fil-ħajja tal-Venerabbli Margerita tal-Qalb ta’ Ġesù, fundatrici, li tagħha llum qed infakkru b’radd il-ħajr u ferħ, is-63 anniverarju mill-mewt: għax iltaqgħet tassew ma’ Ġesù Kristu, għax il-ħajja konsagrata tagħha kienet tassew laqgħa awtentika ma’ Kristu, qalbha kienet mimlija bil-ferħ veru, għax kienet persważa li *“ħadd qatt ma jista’ jisraqilha l-Għarus li hi għażlet”* (cfr. L.130), u kienet spiss ittenni l-istedina *“Intom ukoll ifirħu dejjem fl-istess Salvatur”*(L.88).

Fir-relazzjoni tal-Kongregazzjoni għall-Kawżi tal-Qaddisin, approvata unanimament mit-teoloġi magħżula, fit-12 ta’ April 2013 u, mbagħad mill-Kardinali u Isqfijiet fil-21 ta’ Jannar 2014, deher ċar kemm il-personalità mistika tal-Venerabbli Margerita laqtet sewwa lil dawn il-prelati tal-Knisja li semmejna, tant li, fost l-oħrajn, wieħed minnhom stqarr: *“Ix-xhieda u d-dokumentazzjoni jgħarrfuna dwar is-servizz kbir li twettaq mill-Qaddejja ta’ Alla bħala Madre Ġenerali, li għexet ħajja nterjuri kbira u għarfet tittrasmetti ħajja reliġjuża soda lis-sorijiet tagħha, b’ħeġġa apostolika kbira. Kienet ukoll formatriċi vera ta’ dawk li wara kellhom ikunu Superjuri Ġenerali u lokali. Madre Margerita inkuraġġiet lill-Kongregazzjoni biex taqdi lill-Knisja anke barra minn Malta: fl-Italja, Corfù, fl-Etijopja”.*

Dak li nixtieq nirriflettu fuqu llum hu kemm Madre Margerita mhux biss għarfet tittrasmetti ħajja reliġjuża soda lis-sorijiet ta’ żmienha, imma lil dawk ta’ llum u ta’ dejjem, għax dak li għexet, għallmet u tat eżempju dwaru jaqbel eżattament ma’ dak li qede titlob il-Knisja mill-persuni konsagrata fi żminijietna.

## Is-Sena tal-Ħajja Konsagrata

Il-Papa Franġisku, Reliġjuż Ġiżwita, sejjaħ l-2015 li qegħdin fiha, is-Sena tal-Ħajja Konsagrata. Ġiet inawgurata lejliet l-ewwel Ħadd ta’ l-Avvent li għadda, it-30 ta’ Novembru 2014, u tiġi fi tmiemha f’Jum il-Ħajja Konsagrata, it-2 ta’ Frar 2016. F’din is-sena 2015 jaħbat ukoll il-50 Anniversarju tal-*Perfectae Caritatis*, id-digriet dwar il-Ħajja Reliġjuża u l-*Lumen Gentium* il-Kostituzzjoni Dommatika dwa il-Knisja li fiha hemm kapitlu sħiħ dwar il-Ħajja Reliġjuża, it-tnejn tal-Konċilju Vatikan II. Kif tħabbar, matul dis-sena tal-Ħajja Konsagrata, *“se ssir tifkira rikonoxxenti dwar l-imgħoddi qarib”* filwaqt li nħaddnu *“il-ġejjieni bit-tama”.*

Meta fil-31 ta’ Jannar 2014, il-Prefett tal-Kongregazzjoni għall-Istituti ta’ Ħajja Konsagrata u Soċjetajiet ta’ Ħajja Apostolika, il-Kardinal Joao Braz de Aviz, waqt konferenza stampa ħabbar uffiċjalment din is-sena, fisser kif jeħtieġ inkunu rikonoxxenti *“għan-nifs ta’ l-Ispirtu li kien il-*

*Konċilju Vatikan II mhux biss għall-Knisja imma, b'mod speċjali għall-ħajja konsagrata"*, u kompla li *"għandna nħaddnu l-ġejjieni bit-tama mhux fil-qawwa tagħna, imma fiduċjużi fil-Mulej li għadna nistgħu ngħixu b'passjoni, permezz tal-kunsilli enanġeliċi, is-sbuħija tassew tal-imħabba, tal-ħbiberija, tal-komunjoni, minn dawk li jridu jgħixu tassew fil-qrib ma' Kristu f'diversi tipi ta' ħajja reliġjuża"*.

L-istess Kongregazzjoni għall-Istituti ta' Ħajja Konsagrata u Soċjetajiet ta' Ħajja Apostolika, għall-okkażjoni tas-Sena tal-Ħajja Konsagrata, bagħtet ittra lill-persuni konsagrati mibnija fuq it-tagħlim tal-Papa Franġisku, bid-data tat-2 ta' Frar 2014. F'din l-ittra għandna ħsibijiet profondi u, fl-istess ħin mimlijin imħabba lejn l-awtentiċita tal-ħajja konsagrata. U, għalhekk, aħna u niċċelebraw illum, it-22 ta' Jannar 2015, it-63 Anniversarju mill-Mewt tal-Venerabbli Margerita tal-Qalb ta' Ġesù, Fundatriċi, għażilt li nieħu dawk li jidhirli li huma l-aqwa tliet riflessjonijiet f'din l-ittra li qed nitkellem minnha, ħalli naslu għall-konklużjoni dwar l-awtentiċità tal-ħajja konsagrata li għexet il-Fundatriċi, awtentiċità mhux biss għaż-żminijiet li fihom għexet hi imma awtentiċità li taqbel ma' dak li qed tistenna l-Knisja, fi żminijietna, mill-persuni konsagrati.

**Persuni Konsagrati mġedda skont il-Vanġelu**

<u>L-ewwel ħsieb</u> jitkellem mill-Ħajja Konsagrata bħal ħajja mġedda skont il-Vangelu. U kif tikkummenta l-istess Kongregazzjoni, dan ifisser li l-persuni konsagrati jġeddu ħajjithom skont il-Vanġelu, mhux b'mod radikali mifhum bħala mudell ta' perfezzjoni u spiss ta' firda u distakk, imma billi jitwaħħdu b'qalbhom kollha mal-laqgħa salvifika li tittrasforma ħajjithom. Infatti l-Papa f'intervista li kellu ma' Antonio Spadaro, ippublikata fil-"La Civiltà Cattolica" qal: *"Hi kwistjoni ta' ċahda għal kollox biex timxi wara l-Mulej. Le, ma rridx ngħid 'radikali'. Ir-radikalità evanġelika mhix biss għar-reliġjużi: hi mitluba minn kulħadd. Imma r-reliġjużi jimxu wara l-Mulej b'mod speċjali, b'mod profetiku, hi din ix-xhieda li nistenna minnhom. Ir-reliġjużi għandhom ikunu persuni kapaċi jqajjmu lid-dinja mill-irqad tagħha"*. Meta ltaqa' maż-żgħażagħ f'Assisi fl-4 ta' Ottubru 2013, il-Papa semma lil Franġisku ta' Assisi li għamel mill-Vanġelu *"sine glossa"* r-regola ta' ħajtu u *"ġedded il-Knisja u fl-istess ħin ġedded lis-soċjetà billi għamilha aktar fraterna, imma dejjem bil-Vanġelu u bix-xhieda ta' ħajtu"*(1).

Inħossni persważ li kien dan li kellha f'moħħha il-Venerabbli Margerita meta fl-1924 kitbet lil Sr. Pacifica: *"Nifraħ bil-missjoni ġdida li ngħatajt. Ħsiebek hemm biex taħdem bil-prudenza f'din il-għalqa, u fl-istess ħin bi spirtu għal kollox serafiku u evanġeliku"*(L.85). Fi ftit kliem fissret l-atteġġjament li bih ir-reliġjuża jeħtieġ taħdem bih biex tkun reliġjuża tassew. L-ispirtu serafiku u evanġeliku mhux biss iwasslu għar-radikalità evanġelika, imma wkoll għal xi ħaġa aktar, għal mixja wara l-Mulej b'mod speċjali u profetiku. Jidher li dan il-ħsieb kien iħeġġeġ bla waqfien fil-qalb u l-moħħ tal-Fundatriċi, tant li f'okkażjoni oħra, f'ittra tal-1938, iddeskriviet il-ħidma tar-reliġjużi bil-kliem *"Int taf li aħna vittmi u appostli tal-erwieħ"*(L.148), li, kif talab il-Papa Franġisku fi żminijietna *"għandhom ikunu kapaċi jqajjmu lid-dinja mill-irqad"* u skont Madre Margerita *"l-imsejkna erwieħ tal-midinbin jgawdu miż-żejjed tagħna"*(L.148). Hu eżattament dan *"iż-żejjed"* li jitlob il-Papa mir-reliġjuzi, meta qal li mhux ir-radikalità biss li jrid, imma xi ħaġa aktar ukoll. Hu dan *"iż-żejjed"* li bih, kif fisser l-Papa Franġisku, fl-*Evangelii Gaudium*, *"l-ikkonsagrati jgħixu l-fedeltà tagħhom huma u jagħtu*

*xhieda tal-ferħ li jimla ħajjithom, u għalhekk isiru xhieda mill-aqwa, predikaturi effiċjenti, sieħba u proxxmu ta' dawk li magħhom għandhom storja komuni u li jridu jsibu dar Misierhom, fil-Knisja"*(47). Hu dan *"iż-żejjed"* li jagħmel tassew lill-persuni konsagrati, skont kif tgħallimna l-Venerabbli Margerita, *"vittmi u appostli"*.

**Persuni Konsagrati mimlijin bil-ferħ ta' Kristu**

It-tieni ħsieb hu dwar il-konsagrazzjoni reliġjuża bħala ħajja ta' ferħ. Meta l-Papa Franġisku ltaqa' mas-Seminaristi u Novizzi, fis-6 ta' Lulju 2013, fost l-oħrajn stqarr b'ċerta enfasi: *"Din hi s-sbuħija tal-konsagrazzjoni: hi ferħ, ferħ"*. U kompla: *"M'hemmx qdusija fin-niket. San Pawl kiteb: "Titnikktux bħal dawk li m'għandhomx tama (1 Tess. 4, 13)"*. Il-ferħ mhux ornament bla siwi, hu ħtieġa, hu l-fundament tal-ħajja umana. Fit-taqbid ta' kuljum, kull persuna tipprova tikseb il-ferħ tagħha u tgħix f'għaqda miegħu bis-sħuħija tal-ħajja tagħha. Fid-dinja spiss insibu nuqqas ta' ferħ. M'aħniex imsejħin biex nagħmlu affarijiet kbar jew biex inxandru kliem mimli għerf, imma biex nagħtu xhieda ta' dak il-ferħ li joħroġ miċ-ċertezza li nafa li aħna maħbubin, mill-fiduċja li aħna mifdija. Il-ħsibijiet limitati u l-esperjenzi msejkna tagħna spiss ifixkluna milli nfittxu l-"art tal-ferħ" fejn tassew jinsab: f'Alla. L-għeruq tagħha huma mkabbra billi nisimgħu bil-fidi u bil-perseveranza l-Kelma ta' Alla. Fl-iskola tal-Imgħallem nisimgħu: *ħa jkun il-ferħ tiegħi fikom, biex il-ferħ tagħkom ikun sħiħ* (Ġw.15:11), u nitgħallmu kif ngħixu l-ferħ perfett.

Jekk aħna, qabel xejn, nesperjenzaw il-ferħ li jiġi mill-faraġ ta' Alla, għax nafu li jħobbna, allura, inkunu nistgħu ngħaddu dan il-ferħ lill-oħrajn. Fl-omelija tal-Quddiesa għan-Novizzi u Seminaristi, f'Ruma, fis-7 ta' Lulju 2013, Papa Franġisku qal: *"Ġieli ltqajt persuni konsagrati mbeżżgħin mill-faraġ ta' Alla. Kienu batuti għax kien mbeżżgħin minn din it-tenerezza divina. Imma, tibżgħux. Tibżgħux, għax il-Mulej hu Alla tal-farag, Alla tat-tenerezza. Alla hu Missier u qal li se jġib ruħu magħna bħal omm mat-tarbija tagħha, bit-tenerezza ta' omm. Tibżgħux mill-faraġ tal-Mulej"*. Fil-laqgħa li kellu man-Novizzi u s-Seminaristi jum qabel fis-6 ta' Lulju 2013, qal: *"Meta Alla sejħilkom, qalilkom: Int importanti għalija, inħobbok, qed nafdak"*. Ġesù jgħid dan lil kull wieħed u waħda minna! Il-ferħ jitnissel minn dan! Dan hu l-ferħ li tnissel mill-mument li fih Ġesù ħares lejna. Meta nisimgħu u nifhmu dan kollu nsibu s-sigriet tal-ferħ tagħna. U kompla l-Papa: *"Li nħossuna maħbubin minn Alla, meta nħossu li għalih m'aħniex numri imma persuni, meta nafu li Hu qed isejħilna, nifirħu"*. (3-4).

Ninnutaw kif il-Venerabbli Margerita fissret il-ferħ li għandu jimla ruħ il-persuna konsagrata għax kif qal il-Papa *"tħossha maħbuba minn Alla"*. Innutaw kif fissret ruħha *"Iva, binti, ifraħ, kun hienja u serena għax ħadd u qatt ma jista' jeħodlok l-Għarus li għażilt"*(L.130). F'ittra oħra, fissret dawn l-istess ħsibijiet kif ġej: *"Kuraġġ, għalhekk, u qawwi qalbek, dejjem ferħana u magħquda miegħu; ħobbu, għannqu u ifraħ bih, ladarba hu daqshekk twajjeb u ta' min iħobbu"*(L.139). L-ikbar sodisfazzjon li kienet tesperimenta l-Fundatriċi kien, meta, kif fissret lil Sr. Nazarena Gouder f'ittra tal-1896, *"kemm nifraħ li għandi wlied daqshekk hienja li*

*jingħataw kollhom kemm huma għall-imħabba perfetta tiegħu"*(L.105). U, minħabba f'hekk, f'din l-istess ittra, għamlet il-qalb lil din l-istess reliġjuża li kienet se tagħmel il-professjoni tagħha: *"Iva, maħbuba binti, għandek tassew raġun li tifraħ u timtela bl-imħabba u bil-ferħ għax il-ħelu Maħbub li miegħu se tintrabat hu tassew ħali fil-għana tiegħu. Iva, ifraħ, ħobb u itlob u, fuq kollox ingħaqad mal-Għarus tiegħek! Oh! X'fortuna! Oh! Xorti hienja!"(L.105).*

**Persuni Konsagrati bit-tbissima ta' Alla**

It-tielet ħsieb jurina li ladarba l-persuni konsagrati huma xhieda ta' komunjoni aqwa mill-viżjoni wil-limiti umani, huma msejħin jagħmlu tagħhom t-tbissima ta' Alla. Il-komunità hi l-ewwel u l-aktar vanġelu kredibbli li jistgħu jxandru. Huma msejħin biex jumanizzaw il-komunità tagħhom. Meta kellem lis-sorijiet tal-klawsura f'Assisi, fl-4 ta' Ottubru 2013, Papa Franġisku, qalilhom: *"Ibnu ħbiberija bejnietkom, spirtu ta' familja, imħabba għal xulxin. Mhux li kien li l-kunvent isir familja u mhux purgatorju. Hemm u jkun hemm problemi, imma kif jiġri fil-familja, dejjem fittxu soluzzjoni bl-imħabba, teqirdux din biex issolvu l-problemi. Kunu kollkom sabar ma' kulħadd, ma' kollox, tbissmu mill-qalb"*. Meta l-komunità titmantna bl-istess Ġisem u Demm ta' Ġesù, tinġabar madwar l-Iben ta' Alla biex taqsam fil-mixja tal-fidi, immexxija mill-Verb ta' Alla. Hi ssir ħaġa waħda miegħu, fl-istess esperjenza tal-imħabba u l-ferħ tiegħu.

Bħala ikoni ħajja tal-maternità u tal-għaqda tal-Knisja, ipersuni konsagrati jmorru għand dawk li qed jistennew il-Verb tal-faraġ, u jmilu lejhom, lejn il-fqar u d-dgħajfa b'imħabba materna u spirtu patern. Il-Papa waqt l-omelija fil-Quddiesa mas-Seminaristi u Novizzi nhar is-7 ta' Lulju 2013, qal: *"Kemm hu att kbir ta' ferħ li twassal il-faraġ ta' Alla lill-oħrajn"*. Hawn jinsab il-qofol ta' kull apostolat imwettaq mill-persuni konsagrati. Waqt l-omelija fil-ftuħ tal-Kapitlu Ġenerali ta' l-Ordni Agostinjan li sar f'Ruma fit-28 ta' Awwissu 2013, il-Papa stieden lill-persuni konsagrati biex ma jipprivatizzawx l-imħabba, imma biex, bla ma jgħejjew, ifittxu l-ġid ta' l-oħrajn, tal-maħbubin tagħna. Meta ltaqa' mal-fqar ta' Assisi fl-4 ta' Ottubru 2013, u ġie mistoqsi minn x'hiex jeħtieġ titneżża l-Knisja, saħaq: *"minn dak kollu li mhux għal Alla, mill-biża li tiftaħ il-bibien biex tiltaqa' ma' kulħadd, mis-sigurtajiet tal-istrutturi tagħna li, għalkemm huma mportanti, ma jistgħux idallmu l-qawwa vera li tiġi minn Alla"*.

Meta nfittxu fit-tagħlim li l-Venerabbli Margerita kienet twassal fl-ittri tagħha, l-aktar f'dawk miktubin wara xi Viżta Kanonika li tkun għamlet lil xi waħda mill-komunitajiet tagħha, ninnutaw kemm kienet tinsisti dwar il-ħtieġa li l-persuni konsagrati jumanizzaw, jagħmlu tagħhom it-tbissima ta' Alla, kif għallmitna l-Kongregazzjoni tal-Istituti ta' persuni konsagrati mnebbħa mit-tagħlim tal-Papa Franġisku. Innutaw ftit dan it-tagħlim tal-Fundatriċi: *"ngħinu lil xulxin biex nerfgħu il-piż ta' xulxin"*(L.67); *"aqsmu ma' xulxin kliem ta' faraġ"*(L.109); *"kull waħda minnkom tkun l-għajnuna tal-oħrajn, il-faraġ tas-superjura tagħkom li jkollha bżonnkom ilkoll"*(L.76); *"għinu lil xulxin fil-prattika tal-virtujiet iż-żgħar"*(V2); *"inħeġġiġkom biex tagħmlu kuraġġ lil xulxin, li tagħdru u tgħinu lil xulxin bl-imħabba fraterna"*(V4). Ejjew niftakru kemm dawn is-suġġerimenti ta' Madre Margerita jgħinu tassew biex kull kunvent tal-persuni konsagrati jsir familja u mhux purgatorju, kif għallem il-Papa Franġisku, biex ninkarnaw fl-imġieba tagħna, it-tbissima ta' Alla.

Il-Fundatriċi riedet li r-reliġjużi tagħha jaraw it-tbissima ta' Alla nkarnata fi Kristu billi jaraw fih, kif kienet issejjaħlu *"il-Għarus komuni Ġesù li jħeġġiġhom dejjem aktar bl-imħabba tiegħu"*(L.150), u li jwassalhom, kif għamel ma' l-ewwel dixxipli tiegħu – kif naqraw fl-Atti tal-Appostli - li kienu jaraw wiċċ imbwiċċ t-tbissima divina tiegħu, biex ikunu *"qalb waħda u ruħ waħda"*(L.76). Fuq kollox kienet tinsisti li dejjem ifittxu soluzzjoni għall-problemi li jinqalgħu, bl-imħabba. *"Ninsistu bl-enerġija kollha possibbli biex fostkom issaltan il-virtù sabieħa tal-imħabba, li ġiet irrikkmandata u mgħallma ħafna mill-maħbub Ġesù tagħna"*(V10).

**Għeluq**